li sider John kien kollu demm. B'isterizmu tal-biża' bdiet tgħajjat "John ... John ,.. John ...!" u nfexxet f'bikja. Paul ma ċċaqlaqx. Kien ħabat rasu mad-dahar tas-*seat* u storda. Rose baqgħet tħares ċass donnha qed tara ħolma.

Ftit tal-ħin wara, għadda raġel li, malli sema' l-biki ta' Pearl, fehem li kien ġara xi ħaġa u mar bil-ġiri għat-tabib ...

U s-sinjura Cachia kienet rasha mistrieħa li uliedha kienu d-dar reqdin ...

## IL-BIERAĦ

*Ħolma?*
*Riħ?*
*Fewġa?*
*Buffura li waqqet għal ftit?*
*Duħħan li jtir mas-smewwiet?*
*Xi sħaba miknusa minn ħbiebha?*
*Il-bieraħ x'kien?*

*Illum il-bieraħ t'għada,*
*Dil-ġimgħa ta' warajha,*
*Dax-xahar hu bieraħ sieħbu,*
*U bieraħ ix-xjuħija*
*Hu ż-żmien ta' l-irġulija.*
*Is-snin ikarkru jmexxuna 'l quddiem,*
*Bla ħniena xejn, mingħajr daqsxejn mogħdrija.*

*Il-bieraħ x'kien?*
*Fewġa?*
*Riħ?*
*Ħolma?*
*Dell?*
*Il-bieraħ ma kien xejn!*

Ġ. BONNICI